



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2012/2191(DEC)

1.3.2013

OPINJONI

tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza għall-implementazzjoni tal-baġit tal-Eurojust għas-sena finanzjarja 2011
(C7-0253/2012 – 2012/2191(DEC))

Rapporteur: Georgios Papanikolaou

PA_NonLeg

PE500.648v02-00

2/5

AD\927865MT.doc

MT

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Bagħit, bħala l-kumitat responsabbi, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jilqa' l-konklużjonijiet tal-Qorti tal-Audituri li l-kontijiet annwali tal-Eurojust jippreżentaw sewwa, f'kull rigward materjali, il-pożizzjoni tal-Eurojust fil-31 ta' Diċembru 2011 u r-riżultati tal-operat tagħha u tal-flussi tal-kapital għas-sena li ntemmet f'dik id-data, u li t-tranżazzjonijiet sottostanti tal-kontijiet annwali tal-Eurojust għas-sena finanzjarja 2011 huma skont il-liġi u regolari f'kull rigward materjali;
2. Jieħu nota tal-fatt li l-baġit tal-Eurojust ammonta għal EUR 31 733 740 għas-sena finanzjarja 2011 u li l-Eurojust hija finanzjata fl-intier tagħha mill-baġit Ewropew; jinnota barra minn hekk li fl-2011, il-Eurojust impenjat rispettivament 93 %, 99 % u 96 % tal-approprjazzjonijiet milqugħha skont it-Titolu 1 (Infiq għall-Persunal), it-Titolu 2 (Nefqa Amministrativa) u t-Titolu 3 (Nefqa Operazzjonali); josserva li f'termini ta' approprjazzjonijiet imħallsa, ir-rata ta' eżekuzzjoni tal-Eurojust hija ta' 90 % skont it-Titolu 1, 78 % skont it-Titolu 2 and 58 % skont it-Titolu 3; jitlob lill-Eurojust timplimenta miżuri speċifiċi biex ittejjeb il-proċess ta' baġitjar u r-rata ta' eżekuzzjoni tal-pagament;
3. Jiddispjaċiħ dwar il-livell għoli ħafna ta' riporti tal-Eurojust, li l-Qorti tal-Audituri fir-rapport tagħha reġgħet iddeksrivietu, bħalma għamlet is-sena li għaddiet, bħala "eċċessiv"; jinnota li l-Eurojust tirrikonoxxi l-kumment tal-Qorti tal-Audituri u ħadet passi biex ittejjeb it-tbassir baġitarju u l-implimentazzjoni tal-baġit; jitlob li l-Eurojust tieħu miżuri deċiżivi biex tevita riporti eċċessivi fil-ġejjeni;
4. Jieħu nota tal-kummenti tal-Qorti tal-Audituri rigward xi regoli nieqsa ta' implimentazzjoni tar-regolamenti tal-personal kif ukoll rigward nuqqasijiet fil-proċeduri ta' reklutaġġ; jiddeplora b'mod speċjali l-fatt li l-kompożizzjoni tal-bordijiet tal-għażla f'bosta kažiċċiet ma kinitx għalkollox skont ir-rekwiżiti tar-regolamenti tal-personal u li fi proċedura waħda l-President tal-Bord kien is-superjur dirett tal-kandidat waħdieni li ġie mistieden għall-intervista u li sussegwentement intgħażel; jilqa' r-risposti tal-Eurojust li jindikaw li sejra tadotta r-regoli ta' implimentazzjoni kollha nieqsa u li ħadet miżuri korrettivi rigward il-proċeduri ta' reklutaġġ;
5. Jinnota li l-Qorti tal-Audituri reġgħet irrimarkat dwar il-ħtieġa li d-definizzjoni tar-rwoli u r-responsabbiltajiet rispettivi bejn id-Direttur u l-Kulleġġ tal-Eurojust terġa' tiġi kkunsidrata; iħabar l-intenzjoni tiegħu li jikkunsidra din il-kwistjoni fir-reviżjoni li jmiss tar-Regolament dwar l-Eurojust;
6. Jirrikonoxxi li ġie ffírmat ftehim ta' kooperazzjoni fir-rigward tal-bini l-ġdid tal-Eurojust sa mill-2015, mal-Istat Ospitanti;
7. B'mod ġenerali jistieden lill-Qorti Ewropea tal-Audituri tkompli tiffoka fuq l-awditjar tal-ġestjoni finanzjarja tajba tal-Eurojust, jiġifieri l-ekonomija, l-effiċċenza u l-effikaċċa li bihom il-Eurojust użat l-approprjazzjonijiet tagħha fit-twettiq tal-kompieti tagħha;

8. Jinnota li n-numru ta' każijiet fejn l-Istati Membri talbu l-għajnuna tal-Eurojust fil-ġlieda kontra l-kriminalità transkonfinali gravi żdied minn 1 421 fl-2010 għal 1 441 fl-2011; jirrikoxxi b'mod partikolari li ġew reġistrati 218 każ ta' frodi fl-2011 u li n-numru ta' laqgħat ta' koordinament dwar frodi żdiedu minn 17 fl-2010 għal 58 fl-2011; jilqa' l-fatt li fl-istess sena, il-Eurojust flimkien mat-Tim dwar Delitti Ekonomiċi ffinalizzaw il-proġett strateġiku dwar it-tisħiħ tal-iskambju ta' informazzjoni u ta' għajjnuna legali reċiproka bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Istati Membri fil-qasam ta' frodi ta' VAT.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	21.2.2013
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: -: 0: 48 0 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Jan Philipp Albrecht, Rita Borsellino, Emine Bozkurt, Arkadiusz Tomasz Bratkowski, Philip Claeys, Carlos Coelho, Ioan Enciu, Frank Engel, Kinga Gál, Kinga Göncz, Nathalie Griesbeck, Sylvie Guillaume, Ágnes Hankiss, Sophia in 't Veld, Lívia Járóka, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Timothy Kirkhope, Juan Fernando López Aguilar, Baroness Sarah Ludford, Monica Luisa Macovei, Véronique Mathieu Houillon, Anthea McIntyre, Nuno Melo, Louis Michel, Claude Moraes, Georgios Papanikolaou, Jacek Protasiewicz, Carmen Romero López, Judith Sargentini, Birgit Sippel, Renate Sommer, Nils Torvalds, Wim van de Camp, Axel Voss, Renate Weber, Josef Weidenholzer, Auke Zijlstra
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Mariya Gabriel, Monika Hohlmeier, Marian-Jean Marinescu, Jan Mulder, Raül Romeva i Rueda, Salvador Sedó i Alabart
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Knut Fleckenstein, Karin Kadenbach, Ivailo Kalfin, Iosif Matula, Ivo Vajgl